MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 5/2001/1

**Raymond Farrugia**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta’ Raymond Farrugia pprezentat fl-allura Prim’ Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu ir-rikorrent, wara illi ppremetta illi huwa l-*licencee* tal-post maghruf

bhala Peridot Hall, Siggiewi Road, corner with n/s, Zebbug fejn hemm diversi licenzji inkluzi licenzji ghall-bejgh ta’ inbejjed u spirti, liema licenzja ilha koncessa mill-anqas mill-1990 skond il-licenzja B/17290; illi precedentement l-istess licenzji kien ilhom minn 1975 fuq missier ir-rikorrenti; illi ghal-gestjoni tad-*Dance Floor*, l-istess licenzja kienet tipprevedi il-kundizzjonijiet rilevanti imposti inkluz illi l-hin tal-ftuh kellu jkun filghaxijiet mis-6.00 p.m. sa nofs il-lejl kif ukoll illi fl-istess post ix-xorb spirituz seta jibqa jinbiegh sas-1 a.m. u dana skond il-licenzja ordinarja u fuq forma stampata illi tinhareg komunement; illi l-Kummissarju tal-Pulizija rrefera t-tigdid tal-Licejnza (*sic*) ghall-Bord tal-Pariri inluz (*sic*) Bord ta’ Appell mill-istess Bord Konsultiv, liema organi konsultattivi tal-Kummissarju tal-Pulizija iddecidew illi l-hin jitnaqqas b’siegha ghall-bejgh tax-xorb spirituz (*wines and spirits license*) u b’siegha ohra id-daqq ta’ muzika fid-*dance hall* minn nofs il-lejl ghall-hdax ta’ bil-lejl; illi l-Kummissarju tal-Pulizija ibbaza id-decizjoni tieghu fuq tali pariri u fuq il-konsiderazzjoni illi kien hemm inkonvenjent ghall-girien; illi l-esponent dahal fi spejjes enormi biex ghamel il-post *sound proof* u hekk irrendih b’*isolation material* illi huwa sostanzjali li prattikament fejn hemm il-muzika igibu imdawwar qoxra ohra ta’ bini minn gewwa; illi minkejja dawn l-ispejjes kollha xorta baqghet id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija; illi l-esponent fuq tali decizjoni amministrattiva ma jistax jikkontesta l-istess quddiem il-Qorti Ordinarja u dana peress illi skond l-artikolu 469(a) tal-Kap 12, il-possibbiltà illi tali att amministrattiv jigi ezaminat huwa limitat ghal semplici *ultra vires* kif spjegat fl-artikolu 469(a) (b); illi tali artiklu illi lanqas jaghti poter lil din il-Qorti jikkostitwixxi abbuz tal-poteri esekuttivi; illi dan qieghed jinghad ghall-iskopijiet segwenti: il-fatt illi l-esponenti inghata licenzja biex jiggestixxi l-post Peridot Hall taht il-kondizzjonijiet antecedenti u sahansitra kellu il-licenzji ghal zmien twil, jikkostitwixxi dritt ta’ proprjetà kif previst taht l-artikolu wiehed ta’ l-ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem inkorporat fil-Kap 319 tal-Ligijiet ta’ Malta; illi a tutela ta’ tali dritt, il-Ligi Maltija ma tipprevedix l-access ghall-Tribunal imparzjali u indipendenti skond l-artikolu 6 ta’ l-istess Konvenzjoni u il-fatt illi l-Kummissarju tal-Pulizija ghandu

Bord Konsultattiv ma jikkostitwix it-Tribunal previst mill-istess Konvenzjoni ghad-determinazzjoni ghad-Drittijiet Civili ta' l-individwi; illi it-tnaqqis ta' siegha huwa leziv ghad-drittijiet ta' l-esponent specjalment tenut kont tal-fatt illi it-tnaqqis ta' siegha fl-gheluq tal-fond Peridot Hall anke ghall-bejgh ta' spirti mis-siegha ghal nofs il-lejl tant huwa eccezzjonali illi sahansitra il-licenzja kif giet imgedda turi illi il-formola stampata giet emendata bl-inka; illi l-esponent minn issa jaghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea *Budas vs Sweden* ta' l-24 ta' Settembru 1987; talab illi dika l-Qorti joghgobha tiddikjara illi d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija illi ghas-sena 2001 il-hinijiet ta' l-gheluq tal-Peridot Hall, Haz Zebbug jigu ridotti b'siegha bil-lejl kemm ghal dak bhala *wines and spirits license* u kemm bhala *dance floor*, saru in vjolazzjoni ta' l-artikli 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem applikabbli ghall-artikoli 1 tal-Protocol numru wiehed ta' l-istess Konvenzjoni, konsegwentement taghmel dawk l-ordnijiet u taghti dawk ir-rimedji kollha halli tigi sanata tali vjolazzjoni inkluz it-tqeghied fl-istat li kien qabel tar-rikorrenti u tillikwida il-kumpens xieraq ghall-vjolazzjoni sofferta mir-rikorrenti bl-ispejjes gudizzjarji;

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija illi permezz taghha issottometta:

1. Illi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea mhux applikabbli ghall-fazi meta tkun qed jigi deciz l-ghoti ta' licenzja jew il-kondizzjonijiet ta' tali licenzja. Biex jista' jkun invokat dan l-Artikolu l-ewwel ikun irid ikun hemm '*contestation*' (verzjoni Franciza tal-Konvenzjoni Ewropea) quddiem xi Qorti jew Tribunal li jkun ser jiddeciedi d-drittijiet jew obbligi ta' l-individwu. Fil-fazi meta l-Kummissarju tal-Pulizija qed jinghata parir dwar il-kondizzjonijiet jew hrug ta' licenzji, il-kontestazzjoni ghadha ma bdietx minkejja li s'intendi min japplika ghal-licenzja jkun irid jottjeniha bil-kondizzjonijiet li jixtieq hu;
Il-fazi vera tal-kontestazzjoni tibda meta wiehed iressaq l-ilment tieghu quddiem tribunal jew Qorti biex jikkontesta dak li jkun iddecieda l-Kummissarju tal-Pulizija;
Dwar dan il-punt, Pettiti, Decaux u Imbert jikkummentaw hekk:

"*Autrement dit, ce qui compte est qu'il existe entre les parties un differend veritable et serieux, differend que l'un des plaideurs a entrepris de faire trancher par la justice nationale*." (Ara: *La Convention Europeenne des Droits de l'Homme* - sena 1995 - pagna 249);

2. Illi, **kontra** dak li qed jissottometti r-rikorrent, li l-Artikolu 469A tal-Kap 12 huwa inadegwat ghall-iskopijiet tieghu, jekk wiehed jifli sewwa t-tali artikolu wiehed jintebah li s-sitwazzjoni hija ferm differenti ghar-ragunijiet segwenti:

(a) Fil-fatt id-definizzjoni ta' att amministrattiv moghtija fis-subinciz (2) tghid:
"*administrative act*" *includes the issuing by a public authority of any order,* ***licence****, permit, warrant, decision, or a refusal to any demand of a claimant*"
(b) Dwar l-*ultra vires*, is-sitwazzjoni hija hafna aktar ampja milli qed jallega r-rikorrent kif juru s-subparagrafi (i) (ii) (ii) (*sic*) (iv) tal-paragrafu (b) tas-subinciz (1) ta' l-Artikolu, kif ser jintwera aktar 'isfel, ma setghetx tkun usa';
Isegwi ghalhekk, li kontra dak li kien issottometta l-Gvern Swediz (*sic*) f'**Pudas versus Sweden** (Series A 125), kull min ma jaqbilx dwar kundizzjonijiet fl-ghoti ta' xi licenza f'Malta ghandu rimedju car;
L-artikolu 6 (jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni) imkien ma jirrikjedi/u li ghal kull decizjoni jrid jkollok Qorti jew Tribunal specjalizzat jew Bord Amministrattiv. Li jirrikjedi huwa access ghall-Qorti jew Tribunal biex jiddetermina d-drittijiet jew obbligi tieghek u f'kaz ta'decizjoni amministrattiva jkollok id-dritt ghall-**judicial review**. Dak kollox u d-dritt Malti huwa ghal kollox konformi ma' din ir-rikjesta;

3. Illi d-differenzi bejn is-sitwazzjoni f'Malta u dik fl-Isvezja tkompli taccentwa ruhha meta wiehed iqis li l-Gvern Swediz kien ghamel din is-sottomissjoni:
"*The respondent Government admitted in [both] cases, should the Court find Article 6(1) applicable, that the applicant had been afforded the safeguards it sets out.*
"*The Court likewise found that neither Mr. Pudas [nor Mr. Boden] had enjoyed the right to a court guaranteed to him*

*under Article 6(1). Such remedies as were available under Swedish law did not meet the requirements of Article 6(1)*."

Waqt li fil-kaz *Tre Traktorer Aktiebolag versus Sweden* (7 ta' Lulju, 1989), il-Qorti Ewropea kienet ghamlet dawn ir-rimarki:

"*The decisions of the National Board of Health and Welfare on revocation of licences were* ***not open to review as to their lawfulness by either the ordinary or the administrative courts***."

Mill-ahhar referenza johrog car:

(i) Li huwa bizzejjed li wiehed ikollu access ghall-qrati **ordinarji** biex ikun hemm stharrig gudizzjarju ta' att amministrattiv;

(ii) Li jkun bizzejjed li wiehed jezamina il-*lawfulness* ta' l-att amministrattiv;

M'hemmx x'wiehed izid fuq il-konkluzjoni li tidher fl-ewwel subinciz.

Dwar it-tieni sub-inciz hawn dawn iz-zewg rimarki:

(a) L-Artikolu 469A (1)(b)(iv) jghid:

"(iv) *when the administrative act is otherwise contrary to law*";

(b) Illi, fid-dritt amministrattiv kif dejjem nafuh, kif ukoll skond kif giet applikata l-Konvenzjoni Ewropea, ma jinhtiegx li kull decizjoni amministrattiva tkun mistharrga hlief ghal dak li jidher fis-subincizi ta' l-Artikolu 469A. Jekk ir-rikorrent dawn mhux ihosshom bizzejjed, ma jfissirx li ghandu xi dritt taht l-Artikolu 6 li jadixxi Qorti fuqhiex irid hu meta *si tratta* ta' att amministrattiv. Il-parametri li jidhru fl-artikolu 469A huma bbazati fuq ir-*rule of law* li l-legislatur ma jistax jiskarta huwa u jfassal kif ghandu jkun ikkontrollat mill-Qrati att amministrattiv;

4. Fir-rikors promotorju jissemma wkoll l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll. Fil-fatt fit-talba nsibu:

"saru in vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni applikabbli ghall-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll."

Ghall-kjarezza, qed jigi sottomess li l-bdil fil-hinijiet ta' l-gheluq f'licenzja bl-ebda mod ma jistghu jitqiesu bhala deprivazzjoni. Fil-kaz *Tre Traktorer Aktiebolag versus Sweden*, il-Qorti Ewropea qalet hekk:

"*The Court found that the **withdrawal** of the licence did not amount to a deprivation of property … The withdrawal constituted a measure of control of the use of property, to be considered under the second paragraph of Article 1*.";
Wara qieset:
(i) *The lawfulness and purpose of the interference*.
Fil-kaz taghna, l-ghoti tal-licenzi huwa skond ligi u l-interferenza hija biex isir kontroll ta' l-uzu tal-proprjetà fl-interess generali. Il-bdil fil-hinijiet ta' l-gheluq bl-ebda mod ma jmur kontra l-ligi;
(ii) Il-proporzjonalità ta' l-interferenza. Zgur li l-Kummissarju mexa b'ghaqal u fl-interess ta' kulhadd biex izomm bilanc bejn il-kummerc tar-rikorrent u d-dritt tal-girien li jgawdu l-mistrieh;
Mela, bir-rispett kollu, ma jistax wiehed isib xi ksur ta' dan l-artikolu;

5. Ghaldaqstant, umilment qed jintalab li dika l-Qorti tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez gudizzjarji kontra r-rikorrent;

Rat is-sentenza tat-tnax (12) ta' Novembru, 2001 illi permezz taghha l-allura Prim' Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:

"Fil-kaz in dizamina, u ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti hi tal-fehma li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat mir-rikorrent kienu disponibbli favur tieghu skond ligi ordinarja ohra - senjatament l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 - u ghalhekk din il-Qorti ser tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 4 tal-Kap. 319, u konsegwentement qieghda hekk tiddeklina li tezercita l-imsemmija setghat; u f'dan is-sens tiddisponi mir-rikors tar-rikorrent. L-ispejjez kollha ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati mill-istess rikorrent";
u dana wara illi kkonsidrat hekk:

"**<u>Il-fatti</u>**
"Bazikament ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatti. Ir-rikorrent jiggestixxi l-Peridot Hall li tinsab f'Haz-Zebbug. Sas-sena 2000, fost id-diversi licenzji tal-pulizija -

proprjament licenzja wahda b'diversi kundizzjonijiet - li kien hemm fir-rigward ta' dan il-lokal, kien hemm dik 'to keep non-intoxicant shop … open **till 1.00 a.m.**' (ara Dok. RF3, fol. 49), kif ukoll li seta' jzomm 'dances … between the hours of 6 p.m. and **midnight**' (ara Dok. RF1, fol. 47). Jidher li f'xi zmien bejn l-1990 u l-bidu tas-sena 2000 kien hemm xi ilmenti minn xi girien (ir-rikorrent jghid li dawk li kienu qed jilmentaw kienu xi zijiet tieghu li precedentement, u cioè ghal snin shah, qatt ma kienu lissnu ebda lment), dwar hsejjes wara nzul ix-xemx. Minhabba dawn l-ilmenti huwa ha certi mizuri - li kienu jinvolvu spejjez - bhal, per ezempju, li ghamel *sound proofing* permezz ta' *gypsum boards*, u biddel is-siggijiet u minflok ta' l-injam ghamilhom tal-plastik. In vista wkoll ta' dawn l-ilmenti, però, meta l-licenzja giet biex tiggedded, l-intimat Kummissarju tal-Pulizija rrefera l-kaz lill-Bord ta' Pariri dwar il-Licenzji tal-Pulizija (imwaqqaf permezz tar-Regolamenti dwar Proceduri, Avviz Legali 18/1991). Dana l-Bord, war li zamm access u kellem kemm lir-rikorrent kif ukoll lill-girien li kienu qed joggezzjonaw, ta parir fis-sens li l-licenzja l-gdida kellu jkun fiha kundizzjoni li l-muzika ghandha tieqaf fil-11.00 p.m. u kull attività (inkluz il-*bar*) fl-imsemmija Peridot Hall ghandha tieqaf f'nofs il-lejl (ara deposizzjoni ta' David Zerafa, fol. 38 *et seq*., u l-parir tal-Bord tal-25 ta' Lulju, 2000, fol. 61). Ir-rikorrent appella minn dan il-parir quddiem it-Tribunal ta' Appelli dwar Licenzji tal-Pulizija (ukoll imwaqqaf bl-Avviz Legali msemmi). Mid-deposizzjoni ta' George Borg Cardona ma jirrizultax x'kien ezattament il-parir ta' dan it-Tribunal; li hu zgur hu li l-licenzja ghas-sena 2001 harget bil-kundizzjonijiet li n-*non-intoxicant shop* jibqa' miftuh biss sa **nofs il-lejl** (ara dokument a fol 52) u mhux sas-1.00 a.m. bhalma kien qabel; u ghalkemm giet imgedda l-licenzja '… to hold public dances, weddings and other receptions at Peridot Hall …', giet inserita l-kundizzjoni li **l-muzika kellha tieqaf fil-11.00 p.m.** (ara dokument a fol. 53). Skond ir-rikorrent, minhabba dawn il-kundizzjonijiet godda, jew ahjar restrizzjonijiet godda dwar hinijiet, huwa ma setax ikompli bl-attività kummercjali tieghu li jikri s-sala ghal ricevimenti tat-tieg u *parties* ohra, u kellu jiddiversifika filli jibda jzomm *ballroom dancing* ghal tfal zghar (ara d-deposizzjoni tar-rikorrent, specjalment a fol.

35). Din il-Qorti, però, tosserva li skond id-deposizzjoni ta' David Zerafa (fol. 38), meta l-Bord ta' Pariri dwar Licenzji tal-Pulizija mar ghamel l-access (u allura qabel ma inbidlu l-kundizzjonijiet tal-licenzja) ir-rikorrent kien fisser li huwa kien digà waqaf milli juza s-sala ghal ricevimenti ta' tigijiet u li s-sala kienet qed tintuza ghal *ballroom dancing*. Dan il-fatt hu korroborat minn dokument ezibit mill-istess rikorrent, cioè mid-dokument RF6 a fol. 54 sa 57, mnejn jirrizulta li l-hsejjes li riedu li jittaffew kienu dawk mhux konnessi ma' ricevimenti, izda dawk konnessi proprju mal-*ballroom dancing*. Infatti r-rapport tal-konsulenti *Mediterranean Technical Services Limited* hu indirizzat lil 'Tony Lawrence Dance School' ta' Cospicua, li l-Qorti tifhem li hu 'l-habib' li r-rikorrent isemmi a fol. 35 u li mieghu ir-rikorrent iddiversifika ghal lezzjonijiet ta' zfin ghal tfal zghar. Ghalhekk din id-diversifikazzjoni saret qabel it-tibdil tal-kundizzjonijiet fil-licenzja. In kontro-ezami ir-rikorrent jghid li l-hinijiet il-'godda' huma ta' xkiel anke in konnessjoni mal-lezzjonijiet ta' zfin u dan peress li 'wara li tispicca lezzjoni tkun xi haga sabiha li wiehed joqghod flimkien man-nies jisma' ftit muzika u jixrob mal-*bar*' (fol. 36).

"**L-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u l-proviso tas-Subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319**

"Qabel ma din il-Qorti tidhol fil-meritu ta' l-ilment tar-rikorrent, hi tal-fehma li ghandha qabel xejn tiddisponi mill-kwistjoni accennata mill-istess rikorrent fir-rikors tieghu, kif ukoll mill-intimat fir-risposta, u li dwarha saru sottomissjonijiet fl-udjenza tat-23 ta' April, 2001 (ara fol. 23), u cioè l-kwistjoni ta' jekk ir-rikorrent kellux (jew ghadx ghandu) rimedju adegwat taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Ir-rikors odjern qed jallega ksur biss tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea (din il-Qorti frankament ghadha ma tistax tifhem ezattament kif l-Artikolu 6(1) tal-imsemmija Konvenzjoni jista' jkun 'applikabbli ghall-artikolu 1 tal-Protocol numru wiehed tal-istess Konvenzjoni', sottolinear ta' dina l-Qorti). Il-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi li jekk din il-Qorti tqis li jkun desiberabbli li taghmel hekk, tista' tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond l-Artikolu 4(2) ta' l-istess Att 'f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-

ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ordinarja ohra’. Ir-rikorrent jikkontendi li hu ma setax jipprocedi ghal ‘judicial review’ taht l-imsemmi Artikolu 469A. Fir-rikors huwa jghid li dana l-artikolu huwa limitat ghal ‘semplici *ultra vires*’ kif spjegat fl-istess artikolu. Fil-kors tat-trattazzjoni l-abbli difensur tar-rikorrent, l-Avukat Dott. Joseph Brincat, fisser li taht l-imsemmi Artikolu 469A qorti tista’ biss tiddikjara null, invalidu jew minghajr effett l-ghemil tal-intimat, izda ma tistax tirreintegra lir-rikorrent f[i]l-kundizzjoni li kien fiha qabel (cioè qabel ma hargu l-kundizzjonijiet godda). Huwa ghamel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta’ Strasbourg fil-kaz **Cahal v. United Kingdom** (15 ta’ Novembru, 1996) u b’mod partikolari ghall-paragrafu 66 tal-istess sentenza. L-abbili difensur ta’ l-intimat, l-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Lawrence Quintano, fisser li fil-fehma tieghu l-imsemmi Artikolu 469A jipprovdi ghal rimedju adegwat (ara r-risposta ta’ l-intimat). Saret ukoll referenza *en passant* miz-zewg avukati ghas-sentenza ta’ din il-Qorti tad-19 ta’ Novembru, 1996 (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta’ Novembru, 1998) fl-ismijiet **Joseph Arena noe. v. Kummissarju tal-Pulizija et**. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kemm is-sentenza **Cahal** kif ukoll l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u ma tistax taqbel mar-rikorrent li huwa ma kellux mezz xieraq ta’ rimedju taht din id-disposizzjoni. Is-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem aktar ’l fuq imsemmija kienet titratta dwar decizzjoni tal-*Home Secretary* tar-Renju Unit li jirrifjuta l-istatus ta’ refugjati u li jiddeporta lura lejn l-Indja erba’ persuni - ragel, martu u zewg uliedhom - evidentement ilkoll bil-kunjom Cahal. Qabel ma l-kaz spicca Strasbourg kien hemm diversi proceduri ta’ *judicial review* fil-qrati tal-Ingilterra li spiccaw sal-Qorti ta’ l-Appell (permess ghal appell lil *House of Lords* gie rifjutat kemm mill-Qorti ta’ l-Appell kif ukoll mill-istess *House of Lords*). L-artikoli tal-Konvenzjoni li kien qed jigi allegat li kienu gew miksura kienu l-Artikoli 3, 5(1)(4), 8 u 13. Huwa veru li d-decizjoni ta’ dik il-Qorti li kien hemm vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 5(4) u tal-Artikolu 13 abbinat ma’ l-Artikolu 3 kienet, in parti, imsejsa fuq l-affermazzjoni da parti ta’ dik il-Qorti ta’ l-inadegwatezza ghall-kaz partikolari tal-procedura ta’ *judicial review* fl-Ingilterra (ara paragrafi 124

sa 132, u 140 sa 154), però wiehed ma jridx jinsa wkoll li l-procedura ghal *judicial review*, ghall-anqas kif kienet sa dak iz-zmien fl-Ingilterra, kienet ibbazata fuq principji pjuttost limitati tad-dritt pubbliku Ingliz kif enuncjati minn zmien ghal zmien mill-qrati Inglizi. Dawn il-principji huma riprodotti fil-paragrafu 66 tas-sentenza, li ghaliha ghamel referenza d-difensur tar-rikorrent, kif ukoll fil-paragrafu 67:

"66. Decisions of the Home Secretary to refuse asylum, to make a deportation order or to detain pending deportation are liable to challenge by way of judicial review and may be quashed by reference to the principles of English public law. These principles do not permit the court to make findings of fact on matters within the province of the Secretary of State or to substitute its discretion for the Minister's. The court may quash his decision only if he failed to interpret or apply English law correctly, if he failed to take account of issues which he was required by law to address, or if his decision was so irrational or perverse that no reasonable Secretary of State could have made it (*Associated Provincial Picture Houses Ltd v. Wednesbury Corporation* [1948] 1 King's Bench Reports, p. 223).
"67. Where national security issues are involved, the courts retain a power of review, but it is a limited one because: '… the decision on whether the requirements of national security outweigh the duty of fairness in a particular case is a matter for the Government to decide, not for the courts; the Government alone has access to the necessary information and in any event the judicial process is unsuitable for reaching decisions on national security' (*Council of Civil Service Unions v. Minister for the Civil Service* [1985] Appeal Cases, p. 374, at p. 402). See also *R. v. Secretary of State for the Home Department, ex parte Cheblak* [1991] 2 All. E.R., p. 9, where a similar approach was taken by the Court of Appeal."

"Fil-kaz *de quo*, izda, is-sitwazzjoni hija ferm differenti. Apparti d-differenza fl-artikoli tal-Konvenzjoni li taghhom qed tigi allegata l-vjolazzjoni, is-subparagrafu (iv) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 469A hu

redatt f'termini mill-aktar wiesa'. Skond il-ligi taghna eghmil amministrattiv - u ma hemmx dubbju li l-imposizzjoni ta' kundizzjonijiet godda fil-process tat-tigdid tal-licenzja tar-rikorrent taqa' fid-definizzjoni ta' 'eghmil amministrattiv' - jista' jigi dikjarat null, invalidu jew minghajr effett meta dak l-eghmil 'ikun imur mod iehor kontra l-ligi'. Il-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-Kap. 319 hi ligi (anzi, ligi ordinarja - ara d-definizzjoni ta' 'ligi ordinarja' fl-Artikolu 2 tal-Kap. 319 u l-espressjoni 'ligi ordinarja ohra' fil-proviso ghall-Artikolu 4(2), u ghalhekk bil-procedura ta' 'judicial review' taht il-ligi taghna qorti tista' tannulla, tinvalida jew tiddikjara minghajr effett eghmil amministrattiv - f'dan il-kaz l-imposizzjoni ta' kundizzjonijiet godda u anqas vantaggjuzi minn dawk ta' qabel - jekk dak l-eghmil ikun jikser xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija Konvenzjoni. Anqas ma hu korrett ir-rikorrent meta jghid li tali qorti ma tkunx tista' tirreintegrah fil-posizzjoni li kien fiha qabel: jekk qorti kellha tannulla, tinvalida jew tiddikjara minghajr effett il-kundizzjonijiet tal-licenzja imposti b'effett minn Jannar ta' din is-sena, hu evidenti li bhala parti mill-poteri residwi jew kollaterali taghha tista' tiddikjara li l-posizzjoni ghar-rigward ta' dik il-licenzja ghadha l-istess kif kienet qabel ma gew fis-sehh il-kundizzjonijiet l-godda. Altrimenti jkun ifisser li bil-procedura tal-*judicial review* ir-rikorrent jispicca kompletament bla licenzja! Il-ligi ghandha dejjem tigi interpretata bil-buon sens u ragonevolment. Anqas jista' jinghad li talba ghar-reintegrazzjoni fl-i*status quo ante* hi eskluza minhabba dak li jipprovdi s-subartikolu (5) tal-imsemmi Artikolu 469A. Dana s-subartikolu isemmi specifikatament it-talba ghall-hlas ta' danni peress li jimponi limitazzjonijiet fuq tali talba - fosthom il-limitazzjoni fis-sens li jrid ikun hemm *mala fede* jew l-irragjonevolezza. Infatti l-espressjoni wzata fl-imsemmi subartikolu (5) hija '… jista' jinkludi fit-talbiet tieghu'; il-kelma fil-plural 'talbiet' tindika b'mod car li apparti t-talba li l-eghmil amministrattiv jigi dikjarat null, invalidu jew minghajr effett, jista' jkun hemm talbiet ohra maghmula f'kawza ghal *judicial review* taht l-imsemmi Artikolu 469A. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrent kellu mezz xieraq ta' rimedju ghall-ksur minn allegat taht ligi ordinarja ohra u cioè apparti r-rikors taht l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 319. Tosserva wkoll din il-

Qorti a propositu ta’ dan, li fis-sentenza **Joseph Arena noe. v. Kummissarju tal-Pulizija et.** hija ma kienitx iddeklinat milli tezercita s-setghat taghha kemm taht il-Kap. 319 kif ukoll taht il-Kostituzzjoni peress illi r-rikors promotur ta’ dik il-kawza kien sar meta kien ghadu fis-sehh l-Artikolu 742 tal-Kap. 12 kif emendat bl-Att VIII ta’ l-1981 u li prattikament kien abolixxa l-*judicial review* li l-qrati taghna kienu maz-zmien adottaw mid-dritt pubbliku Ingliz, u ghalhekk anqas kien ghadu fis-sehh l-Artikolu 469A kif inhu llum. Kif gie imfisser diversi drabi minn din il-Qorti kif ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali il-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 u d-disposizzjoni analoga tal-Kostituzzjoni huma intizi sabiex jigi assigurat li ma jsirux kawzi kostituzzjonali jew taht l-Artikolu 4 tal-Kap. 319 bla bzonn, cioè meta dak li jkun seta’ konvenjentement jadixxi l-qrati bi procedura ordinarja, filwaqt li jigi assigurat li c-cittadin ma jigix ipprivat mir-rimedji li huwa ghandu dritt ghalihom, jekk ikun il-kaz, kemm taht il-Kostituzzjoni kif ukoll taht il-Kap. 319. Kif gie ritenut minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-sentenza taghha tal-5 ta’ Dicembru, 1986 fil-kawza fl-ismijiet **Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et.** (deciza finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta’ April, 1991): ‘Il-legislatur kostituzzjonali kkonferixxa lil din il-Qorti (u lil ebda persuna jew awtorità ohra) din id-diskrezzjoni wiesgha fl-interess ta’ l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja biex mill-banda l-wahda tkun tista’ twaqqaf, jekk ikun hemm bzonn anke hesrem, lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali u mill-banda l-ohra tkun tista’ timpedixxi li jigu kreati ostakoli bla bzonn fit-triq ta’ min ikun jidher li genwinament ikun qieghed ifittex ir-rimedju kostituzzjonali. Il-fattispeci u c-cirkostanzi partikolari kollha tal-kaz ghandhom jigu ezaminati ghaliex b’hekk biss il-Qorti tkun tista’ tasal biex tiddeciedi jekk ikunx desiderabbli tiddeklina illi tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha’.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell tar-rikorrent illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talab illi tigi revokata s-sentenza appellata u illi jintlaqghu it-talbiet tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat appellat;

Rat ir-risposta ta’ l-intimat appellat illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talab illi jincahad ir-rikors tar-rikorrent appellanti u illi tigi konfermata s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent appellant;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi hija trid taghmilha cara, qabel xejn, illi sejra tinjora dak kollu illi jghid ir-rikorrent fir-rikors ta’ appell tieghu taht l-intestatura “**Ezami ortografiku tal-Qorti**” b’dan illi, però, ma tistax ma tosservax illi ma ssib xejn x’ticcensura fl-operat ta’ l-ewwel Qorti kwantu ssenjalat l-izbalji ta’ ortografija fir-rikors promotorju ta’ dawn il-proceduri;

Ikkunsidrat:

Illi, ghalkemm fil-parti intestata “**Ilment fuq is-sustanza**” ’l quddiem tar-rikors ta’ appell jinghad hafna, fir-realtà, l-aggravju ta’ l-appellant kontra s-sentenza appellata huwa dak illi jirrizulta mill-ewwel sentenza ta’ l-imsemmija parti tar-rikors ta’ appell, liema sentenza taqra hekk:

“L-ewwel Onorabbli Qorti meta qieset li l-Artikolu 469A [tal-Kap. 12] huwa rimedju adegwat hija zbaljata.”

Dina l-Qorti, wara illi qrat akkuratament ghal aktar minn darba kemm is-sentenza appellata u kemm ir-rikors ta’ appell, ma ssib ebda raguni sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti meta, fid-*decide* tas-sentenza appellata, qalet hekk:

“… din il-Qorti hija tal-fehma li mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-ksur allegat mir-rikorrent kienu disponibbli favur tieghu skond ligi ordinarja ohra - senjatament l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 - u ghalhekk din il-Qorti ser tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond is-subartikolu (2) ta’ l-

Artikolu 4 tal-Kap. 319, u konsegwentement qieghda hekk tiddeklina li tezercita l-imsemmija setghat;”

Infatti, fil-fehma ta’ dina l-Qorti, dak illi, fil-prattika, ir-rikorrent qed jipprova jottjeni permezz tal-proceduri odjerni huwa illi, fl-ewwel lok, jigi dikjarat illi d-decizjoni amministrattiva ta’ l-intimat Kummissarju tal-Pulizija illi jnaqqas il-hinijiet illi matulhom jista’ jigi gestit in-negozju fl-istabbiliment kummercjali Peridot Hall, Haz-Zebbug hija nulla jew invalida u illi, per konsegwenza u fit-tieni lok, huwa jinghata rimedju adegwat sabiex ikun jista’ jerga’ jitqieghed fl-istat illi kien qabel ma ttiehdet l-imsemmija decizjoni amministrattiva. Dina l-Qorti trid taghmilha cara, f’dan l-istadju, illi hija ma rnexxilhiex tifhem x’ried ifisser ir-rikorrent bis-segwenti sentenza illi tinsab fir-rikors promotorju ta’ dawn il-proceduri:

“Illi tali artiklu [469A, Kap. 12] illi lanqas jaghti poter lil din il-Qorti jikkostitwixxi abbuz tal-poteri esekuttivi.”

Dina l-Qorti hija ta’ l-istess fehma ta’ l-ewwel Qorti - u, fir-rigward, ma ghandha xejn x’izzid ma’ dak illi jinghad fis-sentenza appellata - jigifieri illi, sabiex ir-rikorrent jilhaq iz-zewg ghanijiet tieghu msemmija fil-paragrafu ta’ qabel dan, huwa kellu disponibbli ghalih l-azzjoni kontemplata mill-artikolu 469A tal-Kap. 12. Però, hija ma tistax ma tikkummentax dwar is-sottomissjoni ta’ l-appellant - maghmula fil-parti intestata “**Rimedji**” fir-rikors ta’ appell - illi kienet zbaljata l-ewwel Qorti meta, fis-sentenza appellata, qalet illi l-effett tad-dikjarazzjoni ta’ nullità ta’ l-eghmil amministrattiv in kwistjoni *ai termini* ta’ l-artikolu 469A tal-Kap. 12 huwa illi jgib lir-rikorrent fl-i*status quo ante*, peress illi “il-ligi trid tigi interpretata bil-buon sens u ragjonevolment”. Skond l-appellant dina l-asserzjoni ta’ l-ewwel Qorti hija zbaljata ghaliex:

“Il-ligi [l-art. 469A, Kap. 12] kienet specifika u hawnhekk si tratta ta’ procedura li hija ta’ ordni pubbliku u torbot lill-istess Qorti”

Anke l-ligijiet ta’ ordni pubbliku huma soggetti ghal interpretazjoni mill-qrati, interpretazzjoni illi ghandha ssir

"bil-buon sens u ragjonevolment". Fil-kaz in ezami - u huwa dan il-kaz biss illi jinteressa lil din il-Qorti f'dawn il-proceduri - l-effett tad-dikjarazzjoni ta' nullità tad-decizjoni amministrattiva ta' l-intimat illi fit-tigdid tal-licenzja relativa inaqqas il-hinijiet illi fih jista' jigi operat l-istabbiliment kummercjali in kwistjoni, skond il-buon sens u r-raguni, ma jistax ikun hlief illi il-licenzja qed tiggedded minghajr tali tnaqqis;

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant jissottometti ukoll illi huwa ma setghax juzufruwixxi minn dak illi jipprovdi l-artikolu 469A tal-Kap. 12 ghaliex, fi kliem ir-rikors ta' appell:

"Is-subartiklu (4) jghid li dan l-artiklu [469A] ma japplikax meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra."

L-appellant ikompli jissottometti illi ghall-att amministrattiv in kwistjoni hemm provvdut ir-rimedju kontemplat mill-Kap. 319, illi huwa "ligi ohra";

Dina l-Qorti ma taqbilx ma' dawn is-sottomissjonijiet ta' l-appellant ghaliex, fil-fehma taghha, b'ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma jista' jinghad illi l-Kap. 319 jipprovdi "l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar" l-att amministrattiv partikolari in kwistjoni. Kien ikun differenti l-kaz kieku, biex wiehed jiehu ezempju, l-att amministrattiv kontestat kien jikkonsisti fic-cahda ta' talba ghall-hrug ta' permess ghall-kostruzzjoni ta' bini, u dana peress illi l-ligi relativa tipprovdi mod ta' kontestazzjoni *ad hoc* ta' dan l-att amministrattiv;

Ikkunsidrat:

Minn dak illi nghad sa issa huwa evidenti illi l-aggravju hawn fuq imsemmi ta' l-appellant mhux fondat;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjes ta’ din l-istanza jigu sopportati kollha mir-rikorrent appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------